# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sittax (16) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 10 t' Ottubru 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi l-problemi mal-kowċ li ħa sehem fis-Summer League issa ġew solvuti. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma kienx jaf li ntbagħtet emajl lil Head Kowċ Omar Schembrui dwar ir-raġunijiet għalfejn ġie mistieden għal laqgħa preċedenti, u għalhekk ma kienx jaf ir-raġunijiet għalfejn ġie dispjaċut fil-laqgħa [ref punt nru. 3]

3.2 Il-kunsilliera kollha ffirmaw l-ittra biex jesprimu ix-xewqa tagħhom illi s-sur Omar Schembri jibqa fil-kariga tiegħu bħala Head Kowċ tan-Nursery [ref punt nru. 3.7].

3.3 Is-Sindku qal illi ma setax imur jixtri l-qsari [ref punt nru 4.4] mill-aħħar laqgħa s'issa, speċjalment wara li ġara bil-ħaddiema tal-IPSL [dan se jkun spjegat izjed tard]

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva risposta mill-GreenPak għat-talba tiegħu dwar x'tip ta' skart jinġabar l-iżjed fir-raħal. Dawn kienu [fl-ordni]

- Il-ħġieġ
- Karta
- Plastik
- Metall

Din l-informazzjoni ġiet mitluba biex il-Kunsill iżid l-ammont ta' skips għat- tip tal-iskart li jinġabar l-iżjed, u fejn hemm bzonn innaqsu l-ammont ta' dawk illi jibqgħu vojta. Il-Viċi Sindku qal illi fejn hemm BIS illi ma jintużawx, u hemm abbuz fuqhom, dawn għandhom jitneħħew. Il-Kunsill se jara meta l-GreenPak jistgħu jiġu jresqu l-BIS.

3.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jiċħad li meta kien Sindku kien sar ftehim biex nużaw is-servizzi tal-wardens għal sebgħa sigħat [qal li naqqasnihom għal erbgħa sigħat fil-ġimgħa] (ref punt nru 4.7). Is-Sindku qal illi hemm kopja, mhux iffirmata, ta' questionnaire, fejn il-kunsill għamel talba għal sitt siegħat kuljum. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fil-questionnaire, il-Kunsill ma kienx talab għal dawk is-siegħat imsemmjin, iżda kienu l-aħjar 'time frames' biex jiġu l-wardens għal ftit ħin u kellhom jibagħtulna biex jgħidu meta kienu ġejjin. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nkunu nafu meta se jiġu u kemm se jdumu. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fil-ġurnata ta' qabel il-laqgħa kien innota li damu ġor-raħal u kienu f'iżjed minn post wieħed. Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk għandna dritt fuq il-wardens u jekk nistgħu ngħidulhom biex ma jiġux f'ċerti ħinijiet/postijiet. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk ma jżommux ma dak li jitlob il-kunsill, għandna nżommu l-flus dovuti lejhom għal ċertu ħin. Ma dan il-punt il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nimxu mal-liġi u jekk imorru fil-qorti d-deċiżjoni biex inżommu l-flus ma tibqax f'idejna. Hu qal illi għandu jsir 'lobbying' ma kunsilli oħrajn. Is-Sindku qal illi fil-Kumitat Konġunt, jekk m'hemmx appoġġ m'hemmx ċans li ħaddieħor jisma l-ilmenti tagħna u għalhekk fuq dan il-punt l-kunsilli waħdu se jbati. Qal ukoll illi jekk ma jaċċettawx is-sigħat li ntuhom aħna, nieħdu azzjoni biex noħorġu mill-Kumitat. Il-Viċi Sindku qal illi almenu, jekk ħaddieħor qed jikmanda fejn għandhom imorru dawn il-wardens, aħna għandna jkolna l-istess dritt.

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħa jħallas madwar €400 għal korsijiet tal-Lifelong Learning [Taljan u Spanjol] (ref punt nru. 4.11) iżda jkollu ideja aħjar wara li l-għalliema jikkonfermaw liema studenti, minn dawk illi applikaw, huma ġejjin.

3.7 Is-Sindku qal illi l-Kunsill mhux se jixtri grinder u welding issa li l-IPSL ħadu l-ħaddiema tagħna. Qal illi m'għandna l-ħadd li hu kapaċi jużża dawn il-magni [ref punt nru. 4.12].

3.8 Is-Sindku qal illi m'hemm l-ebda update mill-persuna li l-Kunsill talab biex jaqta' l-ħaxix [ref punt nru 4.15] iżda l-individwu għandu jiġi sal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-persuna li jagħmel ix-xogħol għandu jaħdem bil bobcat [gaffa żgħira]. Il-Kunsill qabel illi nibagħtu lil dawk illi kienu tefgħu kwotazzjonijiet għal qtugħ tal-ħaxix fil-passat ħalli nitolbu kwotazzjonijiet mingħandhom.

3.9 Il-kunsilliera ddiskutew is-sitwazzjoni rigward il-ħaddiema tal-IPSL li ġew meħuda mill-IPSL. Is-Sindku qal illi minn naħa tagħhom nkiser il-kuntratt li kellna magħhom. Qal illi huma kellhom jiġu l-Kunsill u jitolbu fejn huma l-ħaddiema biex jaraw illi huma qegħdin jaħdmu, u mhux għamlu kif għamlu fejn anqas qalu fejn, u meta, marru jagħmlu l-ispezzjonijiet tagħhom. Is-Sindku qal ukoll illi kien hemm theddid waqt illi saru l-investigazzjonijiet fuq l-individwi. Is-Sindku qal illi bil-qbil tal-Kunsill, il-ħaddiema tal-IPSL illi kienu jaħdmu fir-raħal sal-Ħamis 4 t'Ottubru, jiffirmaw affidavit. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandna naraw mal-ħaddiema. Is-Sindku qal illi fl-ebda ġurnata ma tahom permess biex jitilqu mix-xogħol fil-ħdax u għalhekk se jiffirma affidavit kontra dawn l-akkuzi. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ta parir biex ma nkabbrux is-sitwazzjoni izda fuq dan il-punt il-kunsillier Publius Abdilla qal illi xorta bqajna, u se nibqgħu, mingħajr ħaddiema. Is-Sindku qal illi baqa' miexi bl-istess mod kif konna fil-leġislaturi preċedenti u s-sur Joe Grillo u s-sur Martin Stivala tal-IPSL huma dawk illi qatgħu s-servizz għal Ħal Safi. Kulħadd qabel illi l-IPSL ħadu lil dawn il-ħaddiema mingħajr raġuni. Is-Sindku qal illi jekk ma jerġgħux jagħtu s-servizz tal-ħaddiema lura, naqtgħu s-servizz tal-Egov peress illi noffru dak is-servizz talli nieħdu s-servizz ta' dawn il-ħaddiema.

3.10 Is-Sindku qal illi għandu jċempel lit-tim ta' Xarabank dwar il-proposta tagħhom biex jiffilmjaw siltiet fil-lokalita.

3.11 Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li ssir bus stage fejn Barbara Press u b'hekk l-istage "Ħajt" li hemm f'triq iż-Żurrieq jintuza inqas [ref Aġenda punt 7]. Is-Sindku qal illi l-istage għandu jibqa hemm. Il-Viċi Sindku qabel mal-proposta li ssir stage fejn Barbara Press u qal illi nistgħu nħallu l-istage f'triq iż-Żurrieq għax il-maġġoranza tan-nies xorta se jimxu sa fejn Barbara Press jekk ikun jaqbilhom. B'hekk

nevitaw il-problemi fuq l-istage "Ħajt". Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kmieni filgħodu ħafna Żrieraq ikunu fuq l-istage "Ħajt" u dawn ukoll jibdew jużaw l-istage propost. Il-kunsillier Carlo Stivala qabel mal-proposta. Rigward il-proposta biex intawlu r-rotta tas-71 [għal triq il-Ħajt Ruman, triq ta' Ġawħar sa Qerd in-Naħal] is-Sindku qal illi irid isir konsultazzjoni man-nies. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx u qal kieku qatt ma jsir xejn. Il-kunsillier Publius Abdilla ppropona li l-karozza tal-linja tgħaddi minn triq il-Kenn iżda ma kienx hemm qbil bejn il-kunsilliera. Is-Sindku qal illi għandna nagħmlu l-bus stop ta' fejn Barbara Press u jekk Transport Malta jaċċettaw il-proposta tagħna għandhom jigwidawna huma dwar fejn tgħaddi l-karozza tal-linja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed jistenna risposta mingħand is-sur Emmanuel Delia dwar meta jista' jiltaqa' mal-kunsilliera.

3.12 Is-Sindku qal illi talab tlett kwotazzjonijiet għaż-żbir tas-siġar izda ma rċieva xejn s'issa [ref punt nru. 10.1]. Is-Sindku ppropona li nikru tower ladder u nużaw is-servizzi tal-Handyman tal-Kunsill.

3.13 Is-Sindku qal illi m'hemmx ħaddiem biex jirranġa l-pompa tal-ilma li hemm f'Misraħ San Ġuzepp.

3.14 Il-kunsillier Carlo Stivala lmenta li mhux ġust illi naqtgħu servizz minħabba abbuzi mill-minoranza [ref punt nru 10.4] fejn jidħlu bins. Is-Sindku qal illi hemm bins lesti izda mingħajr ħaddiema [IPSL] ma jistgħux jitpoġġu f'posthom.

3.15 Il-maġġorranza tal-kunsilliera qalu li raw tlett lifters fejn il-garaxx li qed iżomm oġġetti perokoluzi [ref punt nru 10.5]. Il-pulizija qegħdin jaħdmu fuq din is-sitwazzjoni.

3.16 Is-Sindku qal illi x-xogħol huwa lest fil-ġnien Ta' t'Amparell izda għadu ma ġiex imkaħħal.

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-Head Kowċ tan-nursery Omar Schembri bagħat email fejn talab għal equipment għan-nursery, kif ukoll tal-First Aid kit. Qal ukoll illi se jkun l-aħħar staġun tiegħu man-nursery. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi kien tkellem miegħu fil-ġurnata tal-laqgħa u qablu bil-metodi li jixtieqcu jimxu 'l quddiem u jemmen illi jibqa bħala kowċ wara. Qal illi l-problemi li kien hemm miegħu, kif ukoll ma kowċ ieħor, issa ġew solvuti. Qal ukoll li l-Head kowċ wera nteress biex jgħin f'sotto kumitat tal-isport.

4.2 Luqa St. Andrew's nursery jixtiequ jtejbu l-ko-ordinazzjoni man-nursery tagħna. Il-Kunsill qabel illi għandhom jagħtu izjed dettalji fuq dan. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi korrespondenza għandha ssir mal-Kunsill, kif ukoll mal-Head kowċ u l-kunsillier tal-isport Carlo Stivala.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Imqabba bagħat estratt tal-Minuti tal-laqgħa fejn is-Sindki taż-żewġ kunsilli aċċettaw illi jħalsu l-ammont ta' €166.60 [bejn iż-żewġ kunsilli] għax-xogħol zejjed li għandu jagħmel il-kuntrattur tal-iskart kull nhar t'Erbgħa peress illi mhux se jiġbor [u mhux se jitħallas għal ġurnata] l-iskart kull nhar ta' Tlieta. Dan l-ammont għandu jkopri d-diesel u labour costs zejjed li ħa jkollu nhar t'Erbgħa. WasteServ affermaw illi nhar t'Erbgħa l-kuntrattur qed jiġbor izjed minn ġranet oħrajn, fosthom it-Tnejn.

4.4 Il-kunsilliera qablu li l-Head Kowċ jixtri l-equipment neċessarju għan-nursery mingħand Horace Enterprises, waqt illi l-kits se jinxtraw minn TeamSport.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-kunsilliera li hemm laqgħa għal kunsilliera nhar is-Sibt 10 ta' Novembru 2012.

4.6 Transport Malta, via s-sinjorina Charlene Bonnici, irrispondew l-emajl li ntbagħatet dwar triq il-Kuċċard, fejn il-Kunsill talab għal update dwar ix-xogħolijiet li qed jiġru hemm. Il-kunsill se jibgħat ir-risposta lir-residenti tat-triq u ta' madwar.

4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-emajl mis-sur Martin Stivala tal-IPSL fejn spjega r-raġunijiet għalfejn ħadu l-ħaddiema tal-IPSL mir-raħal. Il-kunsilliera qablu unaniment kontra l-azzjoni. Dan il-punt kien imsemmi f'punt 3.9.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa għal xiex hemm kontijiet għall-presenza tal-pulizija. Is-Sindku qal illi dawn huma kontijiet għas-servizz illi ħadna fis-6 u 7 t'Ottubru. Il-kunsillier qal illi avolja se japprova l-PAS, jemmen illi l-Każin, u dawk li organizzaw l-attivitajiet, għandhom iħallsu dan il-kont. Is-Sindku qal illi nhar il-Ħadd 7 t'Ottubru huma ġew minħabba l-attivita li kien hemm tal-Kunsill [wirja tal-karozzi]. Il-kunsillier Carlo Stivala żied illi l-pulizija ddeċidew illi jagħtu dan il-flus lil ċkejken f'isem min saru l-attivitajiet tal-weekend. Fuq dan il-punt il-kunsilliera qajmu s-suġġett ta' karita'. Is-Segretarju

Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ma jistax joħroġ flus għal karita, u ma dan il-punt kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi se jkolna nagħtu l-istess għajnuna lil kull min għandu bżonn, meta jiġi mitlub, issa li ħadna din id-deċiżjoni biex nikkolaboraw mal-voluntiera li għenu lil dan iċ-ċkejken illi jbagħti bil-leukemia. Il-kunsillier Publius Abdilla fakkar illi fil-passat kienet saret attivita għal tifel ieħor u l-Kunsill tah l-istess għajnuna. Is-Sindku qal illi aħna dejjem għandna ngħinu fejn jidħlu permessi għal dawn it-tipi t'attivitajiet u fejn nistgħu għandna ngħinu lil dawk li jiġbru l-fondi mingħajr ma niksru l-liġijiet skont l-Att tal-Kunsill. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fil-futur jixtieq ikun jaf izjed informazzjoni dwar dawn it-tip t'attivitajiet u li l-kunsilliera kollha, bħala individwi, għandhom jikkontribwixxu. Is-Sindku reġa fakkar illi l-Kunsill ma kellu x'jaqsam xejn mal-attivitajiet li saru b'risq "Aid for Kyle" u li aħna organizzajna biss il-wirja tal-karozzi.

5.2 Il-kunsilliera qablu mal-kontijiet fil-Payment Approval Sheet.

**6. Petizzjoni: Road Hump- triq ta' Ġawhar**

6.1 Saret petizzjoni biex titneħħa roadhump f'triq ta' Ġawhar. Ir-residenti [17 firem] kitbu dawn ir-raġunijiet għalfejn resqu din il-petizzjoni:

- Il-ħsejjes li jagħmlu trakkijiet meta dawn jgħaddu minn fuqha (bħal per eżempju –trakkijiet li jbattlu l-iskips)
- Ċerti karozzi jippruvaw jinjorawha u ma jnaqqsux il-veloċita tal-vettura tagħhom, filwaqt li oħrajn jippruvaw jiskapulawha bil-konsegwenza li jgħaddu b'mod perikoluz ezatt minn mal-bankina tal-ġenb tat-triq.

Il-kunsillier Publius Abdilla fetaħ id-diskors. Hu ma qabilx mal-proposta, u l-anqas mal-iskuza dwar it-trakk tal-iskips. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal li dawn in-nies kienu għamlu talba għal din ir-road hump fil-passat! Carlo Stivala qal illi hemm min isuq b'veloċita hemmhekk u jekk inneħħu l-humps se nżiedu l-periklu. Il-Viċi Sindku Johan Mula esprima l-ħsieb tiegħu li jsiru izjed abbuzi hemm jekk ma jibqgħux dawn il-humps. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi peress illi m'hemmx I.D nos tar-residenti li ffirmaw, il-petizzjoni mhix kompluta. Il-maġġoranza tal-kunsill qabel kontra l-petizzjoni.

## 7. Ħwejjeġ oħra

7.1 Il-Viċi Sindku għamel proposta biex is-sala tintuza għal klassijiet taz-Zumba. Se jfittex ftit izjed dettalji. Il-Kunsill se jieħu deċizjoni biss wara li jaraw x'domanda hemm għal klassi.

7.2 Is-Sindku qal illi hemm min qed joħroġ l-borża s-sewda nhar ta' Tlieta, tlett xhur wara l-ftehim li sar mal-GreenPak biex jinġabar skart riċekabbli biss kull nhar ta' Tlieta. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna ftehim mal GreenPak illi għandhom jiġbru kaxxi li jitħallew fejn il-BIS.

7.3 Is-Sindku qal illi fl-aħħar, il-bozza li ilha ma tixgħel għal ftit ġimgħat ġo triq il-Puniċi, issa qegħda taħdem. Qal illi kien hemm problema bil-fuse.

## 8. Laqgħa li jmiss

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss ser tkun fit-22 ta' Ottubru 2012. Avolja l-laqgħa se ssir qabel ma jgħaddu ħmistax il-ġurnata, kien hemm qbil mill-kunsilliera li dan isir peress illi m'hemm l-ebda ġurnata oħra li kulħadd jista fil-ġimgħa tat-22 sat-28 t'Ottubru.

Sindku
Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard